MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 81/1995/1

Tarcisio Cremona .

vs

Joseph u Emauela Merceica .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur ghandu jiehu minghand il-konvenuti s-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin lira maltija (Lm362) bilanc ta' prezz ta' sollijiet ta' granit, irham u muzajk, mibjugha u konsenjata lilhom .

Illi intom konvenuti qeghdin tirrifjutaw illi thallsu dan l-ammont minkejja illi gew interpellati ghal dan il-ghan anke b'ittra ufficjali .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarakom debituri fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin lira maltija (Lm362) bilanc ta' prezz ta' sollijiet ta' granit, irham u muzajk, mibjugha u konsenjata lilhom ;

2. Tikkundannakom thallsu lill-attur din l-istess somma .

Bl-interess mid-9 ta' frar 1995, sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar, 1995 kontra taghkom, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom msejha .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-eccipjenti ma ghandhom ihallsu xejn lill-attur .

2. Illi infatti l-konvenuti hallsu l-ammont shih kopert bil-ftehim ta' bejniethom .

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, parti mill-materjal ikkonsenjat u mwahhal huwa ta' kwalita' inferjuri u ma hux tal-istess daqs bhal bqija .

4. Illi inoltre l-attur naqas li jikkonsenja l-irham kollu ordnat .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Mercieca .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Ikkunsidrat :

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ l-ammont indikat fic-citazzjoni bhala l-bilanc ta’ prezz ta’ sollijiet ta’ granit, irham u muzajk mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti .

Il-konvenuti qeghdin jikkontestaw din it-talba billi jsostnu li m’ghad baqghalhom ihallsu xejn lill-attur, ghaliex skond il-ftehin ta’ bejniethom il-hlas sar kollu u regolarment .

L-attur jikkontendi illi t-transazzjoni ta’ bejniethom kienet tirrigwarda bejgh ta’ materjal ghall-pavimentar a bazi ta’ **kejl .** Infatti l-attur jghid li kien mar ikejjel fuq il-post, halli jara l-kwantita’ ta’ materjal li kien jenhtieg ghall-kisi fl-ewwel sular tad-dar tal-konvenuti u skond dak il-kejl hareg il-prezz sabiex jissuplixxi l-irham mehtieg . Gialadarba l-konvenuti kellhom bzonn aktar materjal milli rrizulta li kien mehtieg originarjament meta mar ikejjel, huma kellhom jaghmlu tajjeb ghad-differenza, li hija appuntu s-somma mitluba f’din ic-citazzjoni .

Il-konvenuti minn naha l-ohra jinsistu illi l-prezz moghti lilhom mill-attur kellu jkopri l-pavimentar tal-*ground floor* kollu tad-dar taghhom, irrispettivament mill-kejl li attwalment kien ha l-istess attur sabiex hareg bil-prezz tieghu . Ghalhekk jekk dan ghamel kalkoli hziena ma kellhomx ibatu huma ghal tali nuqqas tieghu .

Il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa ghalhekk li tiddecidi, wara li tezamina l-provi kollha migjuba, jekk fil-kaz in ezami kienx hemm tassew bejgh a bazi ta’ kejl, kif qed isostni l-attur, u x’konsegwenzi ghandu jkun hemm fir-rigward tal-ftehim attwalment milhuq bejn il-kontendenti .

Il-Kodici Civili taghna jaghmel distinzjoni bejn bejgh ta' oggett f'salt u bejgh bl-uzin jew bil-kejl . Hekk insibu stipulat fl-artikolu 1350 illi :

**1. Il-bejgh hu ta' kollox f'salt, jekk il-hwejjeg jigu mibjugha bl-istess prezz minghajr ma jittiehed qies ta' l-uzin, tal-ghadd jew tal-kejl ta' dawn il-hwejjeg .**

**2. Il-bejgh jitqies li sar bl-uzin, bil-ghadd jew bil-kejl, jekk il-prezz ikun miftiehem skond l-uzin, il-ghadd jew il-kejl, sew jekk il-bejgh isir ghall-kwantita' kollha tal-hwejjeg li jkunu jinsabu f'lok determinat kemm jekk isir ghal bicca biss minn dawk il-hwejjeg .**

**3. Il-bejgh jitqies ukoll li sar bl-uzin, bil-ghadd jew bil-kejl, jekk il-bejgh ikun ta' tant ghadd ta' oggetti jew ta' tant kilogrammi jew ta' tant kejl ta' haga determinata, ghalkemm ghal dak il-ghadd ta' oggetti jew ghal dawk il-kwantitajiet ta' haga determinata jkun gie miftiehem prezz wiehed .**

F'dan ir-rigward il-**Baudry -Lacantinerie** jghallem illi :

"…. *Le mercanzie sono vendute a peso, a numero o a misura, quando e' necessario di pesare, numerare o misurare per giungere a determinare sia la cosa venduta, sia il prezzo . La numerazione, il peso o la misura possono essere infatti convenuti in due casi 1. per determinare la cosa ; 2. per determinare il prezzo*."[1]

Jirrizulta illi l-konvenuti kienu msiefrin u nkarigaw lil Loreta Azzopardi, oht il-konvenuta sabiex tiehu hsieb issib lil xi hadd li jissuplixxi l-irham ghad-dar taghhom f'Ghajnsielem, peress illi xtaqu jibdlu l-pavimentar tal-muzajk li kien hemm fl-ewwel sular . Ghall-ewwel Azzopardi sabet lil xi hadd minn Malta li ta stima ta' Lm2890, imma peress illi dan ma kienx ippreparat jissuplixxi l-materjal kollu sakemm il-konvenuti jirritornaw f'Ghawdex, inkarigat lill-attur li accetta li jipprovdi l-irham mehtieg ghall-prezz ta' Lm2950 . Mill-iskrittura relattiva

[1] Trattato Teorico - Pratico di Diritto Civile: Della Vendita e Della Permuta # 146 p. 150 - 151

ghal dan il-ftehim tal-14 ta' Awissu 1993, ma jirrizulta li gie ndikat imkien il-kejl tal-paviment li kellu jinkesa bl-irham .[2] Sakemm irritornaw il-konvenuti mis-safar, l-attur kien ghadu ma pprovda xejn mill-irham u beda jaghmel hekk biss meta l-konvenut ghamel *deposit* iehor apparti dak li kienet gia hallset ghan-nom tieghu Loreta Azzopardi . Ix-xoghol kien jittiehed fuq il-post ftit ftit u xi hadd kien jiffirma ma' kull konsenja .[3] Gara pero' illi l-irham ma serviex u l-attur kellu jaghmel konsenja addizzjonali ta' dsatax (19) il-metru kwadru iehor, kif ukoll ta' tliet sollijiet li kienu jenhtiegu[4] . Wara li l-konvenuti kienu hallsu s-somma miftehma ta' Lm2950, l-attur ippretenda hlas addizzjonali ta' Lm362, li hija s-somma mitluba fic-citazzjoni, biex jaghmel tajjeb ghall-irham zejjed li kien gie supplit[5] .

Mill-provi prodotti rrizulta illi l-irham addizzjonali x'aktarx kien mehtieg sabiex isir il-pavimentar ta' bitha li sussegwentement giet imsaqqfa sabiex giet taghmel parti mill-kcina, u *box room* . L-attur isostni illi dawn ma kienux gew inkluzi fl-istima originali tieghu ghax dakinhar Loreta Azzopardi ma kienitx ghadha taf jekk il-konvenuti riedux jiksuhom ukoll . Dawn da parti taghhom jikkontendu illi l-ftehim kien ikopri l-pavimentar kollu ta' l-ewwel sular tad-dar taghom u allura anke din il-bitha u *box room* suppost li gew inkluzi . Gie pero' stabilit illi meta l-attur mar ikejjel, il-madum il-qadim f'dawn iz-zewg ambjenti ma kienx maqlugh bhal ma kienet il-bqija ta' l-art kollha li gia kienet giet miksija ghal-lest bil-qatran . Saru wkoll xi allegazzjonijiet illi l-irham ma serviex ghax kien hemm il-hela u li l-konvenuti kienu qeghdin jerfghu xi rham zejjed f'xi kamra fil-gnien taghhom . Imma ma jidhirx illi dan kien il-kaz . Infatti rrizulta illi gie anke ritornat xi madum zejjed li kien baqa'[6] .

F'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-kaz ma kienx jittratta proprjament minn bejgh a bazi ta' kejl kif jippretendi l-attur . Gia nghad illi l-iskrittura tal-ftehim li

[2] ara dok. TC 1 a fol. 75
[3] ara dokti. TC2 sa TC. 7 a fol. 77 - 81
[4] ara dok. MG. 1. a fol. 152
[5] ara dok. A a fol 5
[6] ara MG 1 a fol. 153

saret bejnu u Loreta Azopardi ghan-nom tal-konvenuti ma kienet issemmi xejn dwar kejl, imma semplicement is-somma li kellha tithallas ghall-pavimentar bl-irham mhux maghruk supplit mill-attur[7] . Ma jiswa xejn illi l-attur f'korrispondenza sussegwenti semma li originarjament kien hemm kejl ta' mija u sebghin metru kwadru (170m.k.) u wara rrizulta li kienu mehtiega mija tlieta u disghin metru kwadru (193m.k.)[8] . Lanqas il-fatt illi fl-istess *invoice* jispecifika illi l-kont kien gie mahdum fuq kalkolu ta' sbatax il-lira (Lm17) ghal kull metru kwadru, ma huwa ta' ebda ghajnuna ghat-tesi tieghu . Dan ghaliex kieku tassew kien hemm mija u sebghin metru (170 m.k.), dawn kienu jgibu Lm2890 u mhux Lm2950 kif attwalment intalab .

Madankollu il-Qorti xorta wahda thoss illi meta l-attur wasal biex jikkwota cifra partikolari ghall-pavimentar ta' l-ewwel sular tad-dar tal-konvenuti, kellu ragun ma jiehux in konsiderazzjoni wkoll ta' l-ispazju tal-bitha u l-*box room* . Dawn, kif gia ntqal, kienu ghadhom miksija bil-madum u l-istess Loreta Azzopardi wriet incertezza dwar l-intenzjoni tal-konvenuti f'dan ir-rigward . Ghamel sew ghalhekk l-attur ma jinkludihomx fil-kalkoli tieghu . Sadanittant pero' fil-fehma taghha t-tliet sollijiet li taghhom l-attur qed jirreklama wkoll hlas addizzjonali, kellhom ikunu nkluzi fl-istima originali, ghax ma jistghax ikun li jkollok paviment komplet jekk mhux ukoll bis-sollijiet fejn dawn ikunu mehtiega . Jigi ghalhekk illi ghadu dovut biss lill-attur il-pagament ghas-sbatax (17) il-metru zejda li ordnaw il-konvenuti in segwitu ghall-ftehim originali sabiex jinksew il-bitha u *box room* imsemmija, u cioe' s-somma ta' tliet mija tlieta u ghoxrin lira maltija (Lm323).[9]

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, fis-sens illi huma kienu gia hallsu tat-tliet sollijiet imsemmija, tilqa' wkoll it-talbiet ta' l-attur safejn :

---

[7] ara dok. TC 1 a fol. 75
[8] ara dok. MG 1 a fol. 152
[9] ara kont a fol. 154

1. tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tieghu ghas-somma ta' tliet mija tlieta u ghoxrin lira maltija (Lm323) ghall-irham addizzjonali ordant minnhom in segwitu ghall-ftehim tal-14 ta' Awissu 1993, u

2. tikkundannahom ihallsu lill-attur din is-somma bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti .

S8195Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------